MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
EDWINA GRIMA**

Seduta tat-8 ta' Marzu, 2012

Numru. 88/2010

**Il-Pulizija
(Spettur Josric Mifsud)**

**Vs**

**John Azzopardi, ta' 50 sena bin Joseph u Geralda nee' Apap, imwieled Xewkija, nhar is-07 ta' Frar 1962, residenti fil-fond numru 13, Triq is-Santwarju, Ghajnsielem u detentur tal-karta ta'l-identita' numru 11062(G)**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuza kontra 'l hawn fuq imsemmi John Azzopardi li gie akkuzat talli nhar il-04 ta' Settembru 2010 gewwa Triq is-Srug, Xaghra (Ghawdex) ghal habta tas-sitta w kwart ta' filghaxija (1815hrs):-

1. ghamel hsara li jammonta ghal elf mitejn u sitt ewro (€1206.00) ghad-detriment ta' Tarcisju Cremona.
2. gab ruhu b'mod li ta fastidju lil Tarcisju Cremona b'mod li kien jaf jew missu kien jaf li dan kien ta fastidju ghal-istess Tarcisju Cremona.
3. ukoll talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi bil-hsieb li jtellef jew inaqqas il-gieh lil Tarcisju Cremona, weggghu bi kliem.
4. ukoll talli ghamel lil Tarcisju Cremona ingurji jew theddid mhux imsemmijin band'ohra f'dan il-Kodici, jew jekk ikun ipprovokah, ingurja b'mod li johrog barra mil-limiti tal-provokazzjoni.
5. stieden ghall-glied bil-gebel, hedded bil-gebel, jew waddabhom kontra Tarcisju Cremona.
6. waddab gebel ghal bieb ta' Tarcisju Cremona.
7. garr 'il barra minn xi fond jew id-dintorni tieghu sikkina minghajr ma kellu licenza jew permess minghand il-Kummissarju tal-Pulizija.
8. ukoll talli fl-istess lok, data, hin u cirkostanzi fil-hin li kien qed jaghmel delitt kontra l-proprjeta ta' Tarcisju Cremona kellu fuq il-persuna tieghu arma regolari.
9. ukoll talli fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi, volontarjament kiser il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku b'ghajjat u bil-glied.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali tat-22 ta' Settembru 2010 sabiex dana l-kaz jigi trattat u deciz bil-procedura sommarja minn dina l-Qorti.

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet il-provi;

Semghet trattazzjoni.

Ikkunsidrat:

Illi mill-provi akkwiziti ma hemmx dubbju illi nqala' argument bejn l-imputat u l-parti leza Tarcisju Cremona. Jidher illi dana l-argument inqala' wara li l-imputat innota li martu kienet qieghda fil-proprjeta ta' Cremona flimkien

mieghu u oggezzjona ghal dana l-fatt. Jidher illi hekk kif harget minn dina l-proprjeta, l-imputat beda jargumenta ma' martu u wara beda jsejjah lil Cremona sabiex johrog halli jikkonfrontah. Dana izda ma nizilx ikellmu ghax beza' minnu u hawnhekk l-imputat iktar irrabja u beda jitfa' l-gebel fid-direzzjoni tal-bieb ta' barra tal-proprjeta u anke beda jhedded lil Cremona b'sikkina. Minn naha tiehu Cremona hareg fil-gallarija u beda jwiegeb lil Azzopardi u anke tefalu barmil tal-ilma u xi flixkun. L-imputat isostni illi Cremona beda jheddu b'arma tan-nar, izda Cremona cahad dan u sostna illi huwa kien qieghed iheddu b'lasta ta' xkupa.

L-imputat ma xehedx f'dina l-kawza u lanqas ma xehed il-parti leza Tarcisio Cremona billi hemm proceduri penali pendenti fil-konfront tieghu fuq dana l-incident. Mart l-imputat Maria Azzopardi wkoll ma xehditx f'dawn il-proceduri u kwindi l-unika prova li ghandha dina l-Qorti hija l-istqarrija tal-imputat li wara li gie mwissi u anke ikkonsulta mal-avukat tal-fiducja tieghu, ammetta illi kkaguna l-hsara fil-bieb tar-residenza ta' Cremona u li anke beda jheddu b'sikkina u jinsulentah.[1] Fil-fatt jidher illi meta gie interrogat l-imputat ikkopera mal-pulizija tant illi sahansitra indika precisament lill-pulizija l-post fejn kien rema s-sikkina li biha kien hedded lil Cremona. Fil-fatt is-sikkina giet elevata mill-pulizija u hija esebita in atti.[2] Illi fil-mori tal-kawza, l-imputat hallas lill-parti leza d-danni li kkaguna fil-bieb ta' barra u dana skond kif indikat fir-rapport tal-espert nominat mill-Qorti Joseph Zammit[3]. Fil-fatt fil-verbal tas-seduta tas-27 ta' Jannar 2011, il-parti leza Tarcisju Cremona ddikjara illi l-imputat kien hallsu tad-danni sofferti u ghalhekk huwa ma kellu l-ebda pretenzjoni ulterjuri fil-konfront tieghu u rrinunzja ghall-azzjoni kriminali fejn l-akkuzi huma rinunzjabbli.[4]

Illi l-imputat jinsab akkuzat b'mod ewlieni bir-reat tal-hsara volontarja a tenur tal-artikolu 325(1)(b) tal-Kapitolu 9. Kwindi sabiex tirnexxi l-azzjoni kriminali f'dana l-kaz ma

[1] Ara stqarrija Dokument JM1 a fol.21
[2] Ara Dokument JX10
[3] Ara rapport ta' Joseph Zammit, Dokument JZ a fol.55
[4] Ara verbal a fol.67

jinhtiegx il-kwerela tal-parti offiza billi l-valur tal-hsara teccedi l-ammont ta’ €116.47. Illi kif diga nghad l-imputat fl-istqarrija tieghu jammetti illi kien hu li kkaguna l-hsara fil-bieb in kwistjoni tant illi anke hallas id-danni kollha. Kwindi ma hemmx dubbju illi l-imputat huwa hati ta’ dina l-akkuza, izda fid-dawl tal-fatt illi jidher illi l-partijiet lahqu ftehim, il-Qorti ser tiehu dan in konsiderazzjoni fil-kalibrazzjoni tal-piena.

Illi l-imputat jinsab akkuzat ukoll bir-reat tal-fastidju jew ’l hekk imsejjah *harassment*. Illi f’sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet il-Pulizija vs Raymond Parnis (per Prim’Inhallef Vincent DeGaetano 24/04/2009), il-Qorti tat definizzjoni ezawrjenti ta’ dak li jikkostitwixxi l-*harassement* taht dina d-disposizzjoni tal-ligi. Il-Qorti tal-Appell fis-sentenza taghha fil-fatt tissottolinja l-fatt illi l-kelma “imgieba” fit-test tal-ligi timplika “*a course of conduct*” u mhux xi incident wiehed izolat. Illi ma hemmx dubbju illi dana r-reat li jinsab akkuzat bih l-imputat fit-tieni imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu ma jistax jissussisti. Dana ma kienx xi *course of conduct* izda certament u minghajr l-icken dubbju kienet okkazzjoni unika. Ma hemmx l-icken provi fl-atti li juru illi kien hemm xi incidenti ohra fejn l-imputat tat fastidju lill-parti leza. Ghaldaqstant din l-akkuza ma tistax tirnexxi.

Illi fir-rigward tal-akkuza tal-ingurja a tenur tal-artikolu 252 tal-Kapitolu 9, ghalkemm mill-provi jirrizulta illi sehh argument bejn l-imputat u l-parti leza fejn inghad xi kliem ta’ tghajjir jew theddid, madanakolu ma jirrizultax x’kien dana l-kliem. Kif diga nghad il-parti leza stess ma jixhidx u lanqas ma jixhed l-imputat. Fl-istqarrija tieghu l-imputat ma jsemmix x’diskors inghad bejniethom u kwindi dina l-akkuza ma hijiex ippruvata sufficjentement. Illi l-istess jista’ jinghad fuq ir-raba akkuza li hija ta’ natura kontravvenzjonali u fi kwalunkwe kaz, il-parti leza irrinunzja ghall-azzjoni kriminali fil-konfront tal-imputat. Kwindi billi dina l-akkuza tirrikjedi l-kwerela, kwindi fid-dawl tar-rinunzja maghmula l-Qorti tista’ tiddikjara l-procediment ezawrit in konnessjoni mal-istess.

Illi ghar-rigward tal-hames u s-sitt akkuzi a tenur tal-artikoli 339(1)(a) u (c), dawn jirrizultaw ippruvati u dana fuq ammissjoni maghmula mill-imputat stess fl-istqarrija tieghu billi kif diga nghad jirrizulta illi kien hu li waddab il-gebel lejn il-proprjeta tal-parti leza u beda anke jistiednu ghall-glied.

Illi s-seba' u t-tmien akkuzi huma marbuta mas-sikkina li l-imputat uza f'dana l-incident sabiex ihedded lil Cremona biha. Illi l-imputat jammetti illi dina s-sikkina kienet tinstab fil-vann tieghu u meta beda jhedded lil Cremona huwa mar ghal dina s-sikkina u uzaha f'dina l-glieda. Dina s-sikkina, imbaghad, meta jitlaq minn fuq il-post huwa jarmieha gewwa farmhouse ftit 'il boghod minn fejn sehh l-incident. Fil-fatt aktar tard wara li jigi interrogat mill-pulizija l-imputat stess jindika fejn kien rema dina s-sikkina u fil-fatt l-istess tinstab fil-post indikat. Is-sikkina giet elevata u tinsab esebita in atti. Madanakollu peress illi s-sikkina hija kjarament sikkina tal-ikel, il-Qorti ma tistax tikklassifikaha bhala arma regolari kif dispost fl-artikolu 64 tal-Kapitolu 9 u ghalhekk ghalkemm ser issib htija fir-rigward tas-seba' akkuza ser tillibera lill-imputat mit-tmien akkuza billi l-artikolu 55 tal-Kapitolu 480 jitkellem biss dwar armi regolari.

Finalment dwar l-akkuza tal-ksur tal-bon ordni u l-kwiet pubbliku ghandu jinghad illi gie ampjament ippruvat illi l-imputat ghamel xenata shiha f'nofs ta' triq. Huwa beda anke jwaddab il-gebel fid-direzzjoni ta' bieb ta' barra u dana seta' anke kien ta' periklu ghal xi utenti ohra fit-triq. B'xorti tajba izda jidher illi hadd ma ntlaqat. Inoltre l-imputat sahansitra hareg sikkina f'nofs ta' triq u beda jhedded lil Cremona biha. Kwindi ma hemmx dubbju illi dana jammonta ghal ksur tal-bon ordni u l-Qorti ser issib htija f'dana r-rigward.

Illi meta tigi biex tqis il-piena li ghandha tigi inflitta l-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni diversi fatturi. Fl-ewwel lok il-fedina penali tal-imputat hija wahda netta. Jidher illi dana kien incident uniku li x'aktarx sab ruhu fih l-imputat minhabba xi nkwiet li kellu fil-familja. Jidher illi l-imputat iddispjacieh ghal dak kollu lli ghamel u anke issorvola d-

difikultajiet li kellu mal-parti leza tant illi l-parti leza hafirlu ghal dana l-incident. Inoltre l-imputat ghamel tajjeb ghall-hsara kollha li kkaguna bl-azzjonijiet tieghu.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikolu 325(1)(b), 339 (1)(a) u (c) u l-artikolu 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikolu 6 u 51(7) tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta, filwaqt li tillibera lill-imputat mit-tieni, it-tielet u t-tmien akkuzi u tiddikjara l-procediment ezawrit fir-rigward tar-raba' imputazzjoni, issibu hati tal-kumplament, izda fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b'applikazzjoni tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tilliberah bil-kundizzjoni li ma jikkomettix reat iehor fi zmien sena mill-lum. Inoltre tikkundanna lill-imputat ihallas multa ta' €116.47.

Il-Qorti twissi lil hati bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huwa jikkometti reat iehor matul dana l-perijodu ta' liberta' kondizzjonata.

Finalment wara li rat l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tikkundanna lill-hati jhallas spejjez peritali fl-ammont ta' €155.04 lir-Registratur tal-Qorti.

Il-Qorti tordna il-konfiska tad-Dokument JX10.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------